MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 71/1985/1

**Anna, Carmelo, Giuseppi, Paolo u Lucy mart Joseph Fenech ahwa Micallef, Jane sive Ginevra mart Emmanuele Xuereb u l-istess Emmanuele Xuereb bhala prokuratur ta’ l-imsiefra Domenica Frances xebba Grech; u b’nota tat-30 ta’ Lulju 1992 Ginevra sive Jane armla ta’ Emanuel Xuereb assumiet l-atti tal-kawza bhala prokuratrici ta’ ohtha Domenica Frances Grech, xebba u dan minflok l-prokuratur Emanuel Xuereb li miet fil-mori tal-kawza.**

**Vs**

**Nazzareno Dimech, Andrea Galea, Anna mart Matteo Vella, Paolo Galea, Maria Galea, Carmelo Galea, Rosa mart Paolo Vella, Saverio Galea, Carmela Galea, Teresa Sant u Mario Lapira; u b’digriet tat-18 ta’ April 1985 gew kjamati fil-kawza Maria Fenech u Carmela Mifsud bhala eredi presuntivi ta’ Teresa Sant; u b’digriet tal-15 ta’ Mejju 1985 l-Av. Dr. Joseph Azzopardi u l-P.L. Carmen Depasquale gew nominati**

**Kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-eredita` giacenti ta' Maria Galea li tinsab mejta; u b'digriet tas-27 ta' Jannar 1988, Dr. Jose` Herrera u P.L. George Scicluna gew nominati kuraturi biex jidhru ghall-mejjet Saverio Galea; u b'digriet tad-9 ta' Jannar 1991 l-Av. Dr. Peter Borg Costanzi u P.L. Lucy Bonello gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-imsiefra Rose Galea; u b'digriet ta' l-24 ta' Novembru 1992 l-Av. Dr. Peter Borg Costanzi u l-P.L. George Scicluna gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lil Nazzareno Dimech li miet fil-mori tal-kawza; u b'digriet tad-9 ta' Marzu 1993 l-atti gew legittimati f'isem John Mary, Karmenu, Joseph, l-eredi ta' Anglu, Marianna mizzewga lil Nazzareno Darmanin, Doris mizzewga lil Charles Dalli, Antonia mizzewga lil Leli Dalli, Salvu, Gianni, Lucy mizzewga lil Nazzareno Bugeja, u Emmanuel, ilkoll ahwa Galea, minflok Paul Galea li miet fil-mori tal-kawza; u b'digriet ta' l-4 ta' Marzu 1994 l-atti tal-kawza gew trasfuzi f'isem Paul Vella u Calcedonio Vella minflok Anna Vella li mietet fil-mori tal-kawza.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi Paolo Antonio Chetcuti, b'att tan-Nutar Daniele Falzon tat-2 ta' Novembru, 1867 Dok. "A", kien ta b'enfitewsi ghal 99 sena lil Andrea Galea u wliedu Giovanni u Giuseppi ahwa Galea bicca art fil-limiti tan-Naxxar kuntrada ta' Ras il-Wied, imsejha "tal-Hoglia" konsistenti f'diversi lenez tal-kejl ta' 18-il tomna tmiss lvant ma' beni ta' Matteo u Salvatore Schembri, minn nofsinhar ma' beni ta' Pietru Borg u mill-punent mal-bqija ta' l-istess klawsura u mit-tramuntana ma' triq;

Premess illi d-dominju dirett ta' Paolo Antonio Chetcuti ghadda ghand Paolo Antonio Micallef;

Premess illi l-atturi huma l-eredi u l-aventi kawza ta' Paolo Antonio Micallef ghal zewg sesti jew terz indiviz, kif jidher mill-anness albero geneologico Dok. "B" u kif jirrizulta waqt il-kawza, fil-waqt li l-konvenut Nazzareno Dimech ghandu sest indiviz iehor, u t-tlett sesti indivizi l-ohra gew akkwistati mill-konvenuti ahwa Galea ulied l-imsemmi Gio Maria Galea;

Premess illi l-konvenuti ahwa Galea huma l-ulied u eredi ta' l-enfitewti Gio Maria Galea b'nona parti (1/9) ndiviza kull wiehed u b'hekk saru enfitewti;

Premess illi tlieta mid-disa' eredi ta' Paolo Antonio Micallef cioe`, Benedetto, Giuseppi u Salvatore bieghu sehemhom tad-dominju dirett lill-konvenuti ahwa Galea;

Premess illi l-konvenut Mario Lapira huwa l-aventi kawza tal-konvenuti ahwa Galea, in kwantu ghal parti mill-fond enfitewtiku in kwistjoni tal-kejl ta' cirka 6937 metri kwadri li hu akkwista b'att tan-Nutar Tonio Spiteri tat-2 ta' Marzu, 1984;

Premess illi l-konvenuti mhux biss naqsu li jikkonsenjaw lura il-fond meta ghalqet l-enfitewsi, izda 8 xhur qabel ghalaq ic-cens huma ttrasferew partijiet mill-fond lil terzi kif jirrizulta waqt il-kawza;

Premess illi l-konvenuti nterpellati biex jaghtu lura l-fond fuq imsemmi naqsu li jaghmlu dan;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:-

1. Tiddikjara li l-konvenuti huma obbligati bhala enfitewti tal-fond fuq deskritt u aventi kawza taghhom li jikkonsenjaw lura t-terz indiviz tal-fond lill-atturi billi t-termini ta' l-enfitewsi skond il-kuntratt fuq imsemmi tat-2 ta' Novembru, 1967 (Dok. "A") ghalaq;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jaddivjenu ghall-kuntratt ta' rilaxx ta' l-art imsemmija opportun fil-gurnata, hin u lok li tiffissa din il-Qorti; u

3. Tinnomina nutar biex jippubblika l-att opportun, u kuratur ghall-kontumaci fuq l-att;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti indikati fic-citazzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Andrea Galea, Anna mart Matteo Vella u Paolo Galea illi permezz taghha huma eccepew:-

Illi qabel xejn l-atturi kellhom id-dover li jesibixxu id-dokumenti kollha imsemmija fic-citazzjoni oltre dawk id-dokumenti l-ohra kollha necessarji ghall-ahjar proceddiment tal-kawza; minhabba dan in-nuqqas, l-eccipjenti jitolbu li jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

Illi l-art pretisa mill-atturi hija dikjarata li tinsab fil-limiti tan-Naxxar, mentri l-eccipjenti ma jipposjedu u qatt ma ippossedew art fil-limiti tan-Naxxar; ghalhekk huwa dover ta' l-atturi li jindikaw fuq pjanta l-art minnhom pretisa;

Illi l-eccipjenti ma jippossjedu l-ebda bicca art soggetta ghal cens u infatti huma qatt ma hallsu cens lil hadd;

Illi ghalhekk it talbiet ta' l-atturi huma infondati;

Bir-riserva ta' kull eccezzjoni ohra, meta l-art pretisa mill-atturi tkun tista' tigi identifikata;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Mario Lapira illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi l-atturi jridu jippruvaw illi huma l-aventi kawza legali tal-padrun dirett originali, u li ma hemmx aventi kawza ohra hliefhom;

2. Illi l-atturi jridu jippruvaw l-identita` ta’ l-art koncessa in enfitewsi, ma’ l-art li ghandu l-esponent;

3. Illi huwa l-proprjetarju ta’ din l-art, billi huwa akkwista b’att pubbliku minghand awturi precedenti li akkwistawha b’att pubbliku, u ghalhekk fi kwalunkwe kaz ghat-talba tal-proprjetarji tosta 1-preskrizzjoni ta’ ghaxar snin skond l-Art. 2245 Kod. Civ.

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut Mario Lapira u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Nazzareno Dimech illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi l-esponenti, kif jinghand fl-istess citazzjoni, kien proprjetarju tal-ghalqa in kwistjoni u ghalhekk l-istess ghalqa, cioe` kwantu ghas-sehem appartenenti lilu, ghandha tigi konsenjata lilu;

Salvi eccezzjonijiet ohra u b’riserva ghal kull azzjoni spettanti lill-esponenti sabiex jissalvagwarda d-drittijiet tieghu;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut Nazzareno Dimech u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti *nomine* l-Avukat Dottor Joseph Azzopardi u l-P.L. Carmen Depasquale li fiha huma eccepew:-

Illi ma kienux edotti bil-fatti u ghalhekk irriservaw id-dritt li jipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-istess konvenuti *nomine*;

Rat id-digriet tal-20 ta' Jannar 1987 li permezz tieghu gie nominat l-Assistent Gudizzjarju Dr. Saviour Demicoli biex jigbor il-provi; kif ukoll dak tat-3 ta' Mejju 1995 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Maria Dolores Gauci biex tkompli tigbor il-provi;

Rat id-digriet ta' l-14 ta' Mejju 1998 li permezz tieghu gie nominat bhala perit gudizzjarju AIC Frederick Doublet biex jirrelata dwar il-kwezit imsemmi fir-rikors appozitu tal-partijiet kollha pprezentat fil-5 ta' Mejju 1998;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi perit nominat li tinsab a fol. 321 *et sequitur* tal-process, kif ukoll ir-relazzjoni addizzjonali parzjali ta' l-istess perit li tinsab a fol. 382 *et sequitur* tal-process;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija mill-istess perit relatur fl-udjenza tad-9 ta' Novembru tas-sena 2000 u dik sussegwenti tal-5 ta' Dicembru ta' l-istess sena;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Kif kien mistenni f'kawza ta' din ix-xorta, konsiderat it-trapass twil taz-zmien mid-data tal-koncessjoni enfitewtika originarja (2 ta' Novembru 1867), ma kienx jonqos li tinghata l-eccezzjoni li l-atturi kien jenhtiegilhom qabel kollox jiddemostraw illi huma l-aventi kawza legali tal-padrun dirett originali;

In assenza ta' albero geneologiku, li ghalkemm jissemma fil-korp tac-citazzjoni qatt ma gie esebit, jirrizulta minn dak rakkontat mill-atturi Anna Micallef (fol. 70), Emmanuele Xuereb (fol. 80) u Carmelo Micallef (fol. 217) li l-koncedent originarju Paolo Antonio Chetcuti kien il-buznannu ta' l-ahwa Micallef. Bintu Anna izzewget lil Pawlu Micallef;

Jinghad li dan ta'l-ahhar kellu sitt eredi u cjoe, Paolo Antonio Micallef, Salvu Micallef, Benedetto Micallef, Giuseppe Micallef, Antonia Grech u Maria Dimech. Jinghad ukoll illi Giuseppe, Benedetto u Salvu Micallef iddisponew mill-kwota taghhom ta' l-art koncessa billi ttrasferewha lill-koncessjonarji ahwa Galea. Kif rilevat fil-korp tad-Dikjarazzjoni akkompanjanti c-citazzjoni mit-tliet eredi l-ohra tnejn minnhom huma rapprezentati mill-atturi u ghalhekk ghandhom zewg sesti indivizi, waqt li s-sest l-iehor hu rapprezentat mill-konvenut Nazzareno Dimech;

L-attrici Lucy Fenech (fol. 226) tispjega illi l-imsemmi Paolo Antonio Micallef kien missierha u missier l-atturi Anna, Giuseppi, Carmelo, Teresa Vella u Paul ilkoll ahwa Micallef. Dan hu hekk ukoll konfermat mill-atti tal-kopja tad-Denunzja tal-missier esebita a fol. 232 tal-process. Wiehed jipprezumi, imbaghad, anke jekk dan ma giex ghal kollox kjarifikat, illi l-konvenut Nazzareno Dimech huwa iben l-imsemmija Maria Dimech filwaqt li l-atturi Jane Xuereb u Domenica Frances rapprezentata fl-atti minn Emmanuele Xuereb huma ulied Antonia Grech;

Stabbilit dan il-kwadru tar-relazzjoni dimostrativa bejn l-atturi, il-konvenut Nazzareno Dimech u l-koncedenti originali Paolo Antonio Chetcuti ma jistax jinghad illi l-atturi ma rnexxielhomx jipprovaw b'mod inkontraddett illi l-fonti u stipiti taghhom kien proprju l-imsemmi Paolo Antonio Chetcuti, buznannu taghhom. Dan ghallanqas ghal dak li jiswa bhala rabta ta' konsagwinicita`, u mhux necessarjament, kif ser jigi dimostrat u osservat aktar 'l isfel in korrelazzjoni ma' l-art mertu tal-kawza;

Issa l-art in diskussjoni giet koncessa b'enfitewsi temporanja ghal disgha u disghin (99) sena, dekoribbli mill-15 ta' Awissu 1867, permezz ta' kuntratt pubbliku, atti Nutar Daniele Falzon, datat 2 ta' Novembru 1867 (fol. 8) lill-gabillotti Giovanni Galea u lil uliedu Andrea u Giuseppe ahwa Galea. Fl-imsemmi kuntratt l-art hi denominata ta' "Ras il-Wied" ossija "tal-Hoglia" konsistenti f'diversi hbula totalizzanti tmintax (18) il tomna;

B'kuntratt tad-9 ta' Settembru 1939 (fol. 87) Angela armla ta' Gio Maria Galea ddisponiet permezz ta' bejgh ghaf-favur ta' uliedha minn diversi fondi, kompriZ "is-sub-utile dominju temporanju tan-nofs indiviz tat-territorju msemmi ta' Ras il-Wied sive ta' Hal Dragu limiti San Pawl il-Bahar ghaz-zmien tac-cens li kien fadal ta' cirka sebgha u ghoxrin (27) sena." Jinghad ukoll li din kien fiha kejl ta' tnax (12) il tomna;

Jidher li hekk kif appena akkwistaw, ulied l-imsemmija Angela Galea ghaddew ghad-divizjoni u dan permezz ta' kuntratt datat 26 ta' Settembru 1939, atti Nutar Emanuele Pio Debono (fol. 276). F'din il-qasma kien komprensiv it-territorju appena accennat u detenut b'sub-utile dominju temporanju mill-kondividendi;

Ghall-kompletezza trid issir referenza ghar-relazzjoni peritali ta' l-Arkitett Alberto Vassallo annessa mal-kuntratt precitat tad-9 ta' Settembru 1939;

Ghal dak li hu rilevanti f'din ir-relazzjoni (fol. 254 sa fol. 266) jinghad f'paragrafu XI taghha illi l-art hawn trattata "*e` comodamente accessibile con carro dalla via denominata '*Ta' Ras il-Wied*', lo stesso consiste di un' estensione di terreno di forma irregolare, comprendente terreno roccioso incolto e diversi appezzamenti coltivabili, avente diversi carrubi e diversi fichi d'India, dell'estensione di dodici tumoli (T. 12 – 0 – 0).*";

Il-kumplament tal-provi tista' tghid jikkonsistu fir-rapport ta' l-Arkitett Frederick Doublet (fol. 321) nominat minn dina l-

Qorti bi ftehim kongunt tal-kontendenti biex jistabilixxi jekk l-proprjeta` akkwistata mill-konvenut Mario Lapira tikkombaccjax mal-partijiet rilevanti tal-kuntratt ta' divizjoni tas-26 ta' Settembru 1939;

Il-kostatazzjoni ta' l-imsemmi perit gudizzjarju kienet wahda posittiva. Tali verifika u konkluzjoni giet raggunta wara li l-espert ha in konsiderazzjoni dak relatat mill-Arkitett Alberto Vassallo f'paragrafu IV u paragrafu VIII tar-relazzjoni tieghu, fejn il-wahda tati deskrizzjoni ta' ricetto jew razzett u l-ohra ta' zewg porzjonijiet divizi ta' art tal-kejl cirka sitt itmien (6 T). Iz-zewg fondi hemm deskritti jinghad li jifformaw parti mill-klawsura "Tal-Holia" kontrada "Ras il-Wied", limiti San Pawl il-Bahar;

Minn dak rakkolt minn dawn il-provi, u dawk l-ohra li ser jissemmew *infra*, din il-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet:-

I. Jirrizulta illi l-estensjoni ta' art originarjament koncessa b'enfitewsi temporanja kienet ta' tmintax-il tomna (18 T). Eppure kemm fir-relazzjoni ta' l-Arkitett Vassallo kif ukoll fil-kuntratt tad-9 ta' Settembru 1939 dan il-kejl hu moghti bhala tnax-il tomna (12 T). Wiehed jistaqsi x'gara mill-kumplament tal-kejl bejn l-1867 u l-1939;

II. Evidentement il-koncedent Paolo Antonio Chetcuti ma kellux bhala wild lil bintu Anna biss, u nanna ta' l-atturi u tal-konvenut Nazzareno Dimech. Dan qed jinghad in vista tal-kontenut tan-Nota ta' Insinwa li kopja taghha tinsab esebita a fol. 267. Proprju minnha jirrizulta li fil-15 ta' April 1890 saret divizjoni, atti Nutar Giuseppe Grech. Billi l-atturi naqsu li jesebixxu kopja shiha ta' dan il-kuntratt wiehed ikollu joqghod fuq dak li jinghad f'din in-Nota. *Inter alia*, insibu li Francesco Chetcuti, li l-attur Carmelo Micallef (fol. 240) jghidilna li kien hu nanntu, kien ircieva mid-divizjoni n-nofs (1/2) indiviz ta' zewg porzjonijiet ta' kejl ta' sitt (6) itmien mill-art *de quo* koncessi b'cens temporanju l-wahda lil Andrea Galea u l-ohra lil Giuseppi Galea. Jinghad *in coda* fuq din l-istess

Nota illi n-nofs l-iehor ta’ l-istess zewg porzjonijiet mess bil-qasma lil Giovanna mart Nicola Camilleri;

III. Hawn ukoll minn dak appena dedott jinsorgu dawn id-domandi. Jekk saret divizjoni, presumibilment bejn l-ulied kollha ta’ Paolo Antonio Chetcuti, wiehed jistaqsi ghaliex ma gietx prodotta ghallanqas Nota konsimili li turi u tippreciza x’riceviet mid-divizjoni Anna xebba Chetcuti u mart Paolo Micallef, nanna ta’ l-atturi. Il-Qorti ma tistax tithalla fi stat li toqghod tispekula hi x’setghet irceviet Anna Micallef jew x’seta’ gara. Tali provi kellhom jaghmluha l-atturi b’mod mill-aktar preciz u konklusiv. It-tieni mistoqsija tikkoncerna dwar x’sar minnhom l-ishma li ddevolvew bil-qasma lil Francesco Chetcuti u lil Giovanna Camilleri. Hawn ukoll il-Qorti ma tista tipprezumi xejn, *ad exemplum*, minn min intirtu jew jekk gewx trasferiti *inter vivos.* Fuq dawn iz-zewg kweziti ma gew prodotti l-ebda risposti jew taghrif dokumentali kapaci li jikkjarifika l-qaghda;

IV. B’hekk ukoll lanqas nafu b’ certezza jekk Anna Micallef kellhiex sehem mid-dirett dominju ta’ l-art koncessa b’cens. Id- denunzja imbaghad ta’ binha Paolo Antonio Micallef (fol. 232) missier l-atturi ahwa Micallef, ma tantx toffri assistenza gjaladarba fiha ma nsibu l- ebda referenza ghall-art *de quo agitur*, hlief, ghalkemm dan ma jinghadx b’mod car u lanqas spjegat mill-attrici Lucy Fenech (fol 231) li esebit il-kopja, ghal dak referenzjat bhala tomnejn indivizi mis-sitt itmien f’tal-Bidnija;

V. Mill-provenjenza tal-kuntratt tad-9 ta’ Settembru 1939 jinghad li l-fondi hemm deskritti, ad eccezzjoni tas-sub-utile dominju meritu ta’ l-istanza, ippervenew lil Angela Galea mis-successjoni ta’ missierha Andrea Grima. Dan ifisser illi l-fondi deskritti f’paragrafu IV u paragrafu VIII li fuqhom l-espert tekniku immodella r-rizultanzi peritali tieghu kienu jappartjenu lil dan Andrea Grima. Dwar dan ma jinghad xejn jekk per ezempju kienx relatat mal-koncessjonarji originali u cjoe Giovanni Galea u jew Andrea u Giuseppe ahwa Galea. Ghal darba ohra din il-katina hi mankanti mill-provi;

VI. Il-Qorti ma tistax lanqas toqghod fuq dak maghdud mill-attur Carmelo Micallef (fol. 239) illi l-fondi referenzjati fis-sub-paragrafi dettaljati minnu tal-kuntratt tad-9 ta' Settembru 1939 jifformaw parti integrali mill-artijiet ta' l-atturi. Din ix-xhieda wehidha ma kienetx bastanti u certament ma kienetx l-ahjar prova li setghet tingieb, kif hekk precizat bl-Artikolu 559 tal-Kapitolu 12. F'kazijiet bhal dawn il-Qorti ma tistax taccetta anqas mill-prova dokumentali li tissostanzjaha;

VII. Kif sottomoss fid-decizjoni fl-ismijiet "**Kristinu Grech –vs- Anthony Bartolo**", Appell, 29 ta' Mejju 1998, u dan jghodd ghal bosta mill-osservazzjonijiet hawn maghmula, "il-principju kien, u jibqa', illi l-Qorti tiddeciedi '*iuxta allegata et probata*', ghalkemm ma hemm xejn illi jimpedixxi lill-Qorti li titlob li ssir il-prova li hi jidhrilha li tkun mehtiega biex ahjar tapprezza l-fatti in kawza. Dan ma jfisserx li kien hemm xi obbligu fuq il-Qorti li tikkonduci l-provi tal-partijiet hi. L-Artikolu 559 tal-Kap 12 ifisser biss li l-Qorti ma kellhiex taccetta provi li ma kienux l-ahjar prova u li kellha dritt tesigi li tingieb dejjem l-ahjar prova";

VII. Fl-ahharnett jigi osservat ukoll illi l-atturi naqsu li jidentifikaw l-artijiet meritu ta' l-ewwel premessa tac-citazzjoni. Tali diffikolta` giet sahansitra riskontrata mill-espert tal-Qorti li msejjah in eskussjoni (fol. 394 *et sequitur*) ripetutament wiegeb li ma setax jissokta bl-inkariku billi kienet tonqos l-identifikazzjoni preciza;

Fl-ambitu ta' dawn ir-riflessjonijiet u l-ohrajn agguntivi li jistghu jsiru din il-Qorti ma thossx li tressqu provi konkordanti, inekwivoci u sodisfacenti biex tkun tista' tiddeciedi adezivament ghall-istanza ta' l-atturi. Taht dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma jibqala l-ebda ezitu hlief li tiddikjara, bl-akkoljiment ta' l-eccezzjonijiet relattivi, illi l-atturi naqsu li jippruvaw illi huma titolari wkoll ta' l-art *de quo* jew li ma hemmx ukoll aventi kawza ohra hliefhom. Hekk ukoll naqsu li jipprovaw b'mod konkrett u ezenti minn dubju l-identita` preciza ta' l-art koncessa in enfitewsi. L-oneru ta' din il-prova kien jinkombi certament

fuqhom u ma kellhomx jistennew li l-Qorti tispekula hi dwar l-interess u dritt taghhom fl-art li dwarha agitaw bl-azzjoni taghhom.

Ghal dawn il-motivi, bl-akkoljiment ta' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Andrea Galea, Anna mart Matteo Vella, Paolo Galea u parzjalment ta' l-ewwel eccezzjoni kif ukoll tat-tieni eccezzjoni tal-konvenut Mario Lapira, dina l-Qorti tichad it-talbiet attrici.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati interament mill-atturi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------